**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 19 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 417/2002 AF**

**Patrick Camilleri u Stephen Mangion f'isimhom proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Mangion, Mangion and Partners**

**vs**

**Dr. Kevin F. Dingli li b'digriet tal-25 t'April, 2002, gie nomnat Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjetà estera "Simonoff Holdings" ta' Valduz, Liechtenstein**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mahlufa tal-atturi tal-11 ta' April, 2002, li permezz taghha, wara li gie premess illi:

B'inkarigu tas-socjetà konvenuta l-atturi ipprovdew lill-istess servizzi professjonali fil-kwalità taghhom bhala periti arkitetti in konnessjoni mal-izvilupp ta' proprjetà tal-istess socjetà konvenuta maghrufa bhala Villa La Reserve, già Villa Atir, fil-Kappara.

L-atturi inkorrew ukoll f'diversi spejjez in konnessjoni mas-servizzi rezi lis-socjetà konvenuta kif premess.

Is-socjetà konvenuta hija llum debitrici tal-atturi fl-ammont ta' tmint elef, mija u sebghin Lira Maltija (Lm8,170.00) liema somma tirrapprezenta it-total tal-kumpens dovut mis-socjetà konvenuta lill-atturi bhala drittijet professjonali u tal-ispejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni mas-servizzi rezi lis-socjetà konvenuta kif premess; dana kollu jirrizulta mill-annessi statements Dok. MMP1 u MMP2.

Nonostante diversi talbiet da parte tal-atturi lis-socjetà konvenuta sabiex thallas l-ammont fuq indikat, l-istess socjetà konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tikkundannaha thallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef, mija u sebghin Lira Maltija (Lm8,170.00) rapprezentanti t-total tal-kumpens dovut mis-socjetà konvenuta lill-atturi bhala drittijet professjonali u tal-ispejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni mas-servizzi rezi lis-socjetà konvenuta in konnessjoni mal-izvilupp tal-proprjetà tal-istess socjetà konvenuta maghrufa bhala Villa La Reserve, già Villa Atir, fil-Kappara.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-effettiv pagament, kontra s-socjetà konvenuta, rapprezentanti ta' liema huma minn issa ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti hemm annessi u mmarkati bhala Dok. MMP1 u Dok. MMP2.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-atturi billi, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-servizzi rezi mill-atturi a favur u fuq inkarigu tas-socjetà konvenuta estera ma kienux tal-livell professjonali mistenni u

difatti l-istess socjetà konvenuta estera soffriet danni in konsegwenza tan-negligenza professjonali u nuqqas ta' supervizjoni adegwata attribwibbli lill-istess atturi, liema danni jifformaw il-mertu tal-kontro-talba illi qeghda tigi mressqa kontestwalment skond il-ligi.

Salvi eccezjonijiet ohra ulterjuri skond il-ligi.

Rat il-kontro-talba mahlufa tal-istess socjetà konvenuta, li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Is-socjetà konvenuta qieghda tipprevalixxi ruhha mill-azzjoni odjerna u in via rikonvenzjonali ticcita lill-atturi u tippremetti s-segwenti:

Is-socjetà estera Simonoff Holdings Anstalt, ta' Valduz, Liechtenstein, illum "Deodolo Holdings S.A.", tal-British Virgin Islands, kienet inkarigat lid-ditta Mangion, Mangion & Partners, kif debitament rapprezentata mill-Periti Patrick Camilleri u Stephen Mangion, sabiex dawn irendu servizzi professjonali, fosthom servizzi ta' supervisjoni, in konnessjoni max-xogholijiet ta' rikostruzzjoni tal-fond li jgib l-isem "Villa La Reserva" (già Villa Atir, fi Triq il-Huttaf, Kappara).

Kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-atturi rikonvenzjonati naqsu milli jesegwixxu 'l fuq imsemmi inkarigu lilhom moghti mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonati b'mod u fil-livell professjonali, skond kif kien mistenni, anzi kienu sahansitra negligenti fl-esekuzzjoni tal-istess inkarigu, billi anke naqsu fid-doveri taghhom tas-supervizjoni tax-xogholijiet.

Bhala konsegwenza tal-agir tal-atturi rikonvenzjonati s-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti sofriet danni, ghal liema danni l-atturi rikonvezjonati huma responsabbli skond il-ligi.

Jghidu ghalhekk l-atturi rikonvenzjonati ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

(1) M'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-atturi rikonvenzjonati huma repsonsabbli lejn is-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti ghad-danni kollha sofferti

mill-istess socjetà bhala konsegwenza tan-negligenza professjonali u nuqqas ta' supervizjoni attribwibbli unikament lill-istess atturi rikonvenzjonati;

(2) M'ghandhomx jigu likiwdati minn dina l-Onorabbli Qorti, occorendo per opera di periti nominandi, dawk id-danni kollha sofferti mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti bhala konsegwenza tan-negligenza professjonali u nuqqas ta' supervizjoni da parti tal-atturi rikonvenzjonati fil-konfront tal-istess socjetà konvenuta rikonvenzjonanti; u

(3) M'ghandhomx l-atturi rikonvenzjonati jigu kkundannati minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex ihallsu lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonati dawk id-danni kollha kif likwidati skond id-domanda precedenti; bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-16 ta' Jannar 2001 kontra l-atturi rikonvenzjonanti illi huma minn issa stess ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament it-talbiet maghmula mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet maghmula mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti esegwew l-inkarigu moghti lilhom mill-istess socjetà konvenuta rikonvenzjonanti b'mod u fil-livell professjonali, skond kif kien mistenni u ma naqsux fl-adempiment tad-doveri taghhom.

Savi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, tat-18 ta' Ottubru, 2002, li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Alan Saliba, a spejjez provizorjament tal-atturi fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, u fuq il-kontro-talbiet

tal-konvenut fid-dawl tal-eccezzjonijiet relattivi, li permezz tieghu l-perit tekniku kien awtorizzat jisma' l-provi bil-gurament u jircievi dokumenti waqt seduta li huwa jzomm.

Rat il-provi mressqa permezz tax-xhieda, kif ukoll id-dokumenti esebiti mill-kontendenti fil-kawza, quddiem l-istess perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku AIC Alan Saliba, debitament mahlufa, esebita a fol. 48 *et seq* tal-process.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta, tal-1 ta' Marzu, 2007, li permezz tieghu gew nominati bhala periti perizjuri, il-perit Mario Cassar, il-perit Joseph Ellul Vincenti u Dr. Mark Chetcuti, bil-fakoltajiet kollha li taghtihom il-ligi, a spejjez provizorjament tal-konvenut.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali addizzjonali, Dr. Mark Chetcuti, a fol. 143 *et seq* tal-process, debitament mahlufa; kif ukoll ir-relazzjoni tal-Periti addizzjonali, AIC Mario Cassar u AIC Joseph Ellul Vincenti, debitament mahlufa a fol. 148 *et seq* tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut li talab b'urgenza li jsir access ulterjuri fuq il-fond mertu tal-kaz, mill-periti perizjuri, sabiex jirrelataw ulterjorment dwar dak li jirrizulta pertinenti ghall-kaz odjern, u kif jinfluwenza fuq it-talbiet attrici u t-talbiet rikonvenzjonali.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 2009, fejn laqghet it-talba u awtorizzat il-periti perizjuri jaccedu fuq il-post u jirrelataw kif mitlub, spejjez provizorjament ghar-rikorrenti.

Rat ir-rikors tal-konvenut li permezz tieghu talab li jigi ordnat li r-rapport hemm anness, jigi ammess bhala prova tal-esponenti.

Rat ir-risposta tal-atturi ghall-istess rikors, fejn oggezzjonaw u

talbu li tali rapport m'ghandux jigi ammess bhala prova f'dak l-istadju tal-kawza.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Gunju, 2010, fejn cahdet it-talba u konsegwentement ordnat l-isfilz tad-dokument anness mar-rikors.

Rat in-Nota tal-Periti Addizzjonali tal-10 ta' Jannar, 2011, debitament mahlufa minnhom, a fol. 226 *et seq* tal-process.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Semghet id-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza attrici tittratta hlas tas-somma ta' Lm8,170 (ekwivalenti ghal €19,030.98), rapprezentanti drittijiet u spejjez professjonali moghtija mill-periti atturi lis-socjetà konvenuta "Simonoff Holdings"" hekk kif jirrizulta mid-dokumenti MMP1 u MMP2 esebiti a fol. 5 u 6 tal-process.

Dan il-hlas qieghed jintalab wara ftehim li intlahaq bejn il-partijiet, li huwa bbazat fuq ittra mahruga mill-atturi datata 15 t'April, 1991, esebita bhala Dok. PC 2A. Minn din l-ittra, jirrizulta car li l-atturi kienu ser jaghtu servizzi professjonali relatati ma' xoghlijiet infrastrutturali ta' estensjoni u refurbishment tal-villa La Riserva, gja Villa Atir, fi Triq il-Huttaf, il-Kappara. Is-servizzi tal-periti kienu jinkludu:

1. Disinn tas-sular il-gdid li kellu jinbena u alterazzjonijiet fil-pjan terran u basement;
2. Preparazzjoni tal-pjanti;
3. Applikazzjoni ghall-permess;
4. *Survey* tad-dar originali;
5. Preparazzjoni ta' *tenders* u rapport ghal ghoti ta' *tender*;

6. Supervizjoni tax-xoghol;
7. Kejl tax-xoghol.

Jirrizulta li l-parti l-kbira tax-xoghlijiet fuq il-fond tas-socjetà konvenuta saru matul is-sena 1993, kif jirrizulta mic-certifikazzjonijiet ta' diversi xoghlijiet esebiti bhala Dok. PC 7/1 sa Dok. PC7/51. Ghalkemm ma tirrizultax data preciza ta' meta bl-ezatt bdew il-problemi, skond ix-xhieda ta' Mordechai Israelachvili moghtija fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru, 2003, mal-ewwel zviluppaw il-hsarat, ftit wara li dahlu joqghodu fil-villa, wara l-ewwel halbiet tax-xita, ghalhekk probabbli li dan kien fis-sena 1994. Fil-fatt ir-ritratti tal-hsarat esebiti minnu, jghid li ttiehdu bejn is-sena 1994 u 1995. Dawn il-hsarat jistghu jinqasmu fi tliet kategoriji:

A. Perkolazzjoni ta’ ilma li beda diehel mill-bejt il-gdid;
B. Konsenturi f’diversi partijiet tal-bini;
C. Umdità li bdiet tiela minn mal-hitan.

Ghal dawn ir-ragunijiet, is-socjetà konvenuta qeghda tichad il-pretensjonijiet tal-atturi peress li tikkontendi li s-servizzi professjonali moghtija mill-atturi ma kenux tal-livell mehtieg u konsegwentement kawza tal-istess negligenza professjonali, inkluz in-nuqqas ta' supervizjoni xierqa, sofriet l-imsemmija danni. Fil-fatt is-socjetà konvenuta ressqet kontro-talba f'dan ir-rigward, ghad-danni fil-konfront tal-atturi.

Min-naha tal-atturi, dawn laqghu ghall-kontro-talba billi fl-ewwel lok, eccepew il-preskrizzjoni estintiva tat-talba rikonvenzjonali taht l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, u fit-tieni lok billi jsostnu li huma esegwew l-inkarigu taghhom b’mod professjonali u li ma naqsux fl-adempiment tad-doveri taghhom.

Ghandu jinghad illi minn paragrafu 10 tat-tariffa K tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, jinghad x’ikun il-hlas dovut lill-perit arkitett ghad-disinji, ghemil ta’ stimi, sottomissjoni t’applikazzjonijiet ghall-bini, u ghoti ta’ sorveljanza, fost affarijiet ohra. Fir-rigward tas-sorveljanza, hemm ukoll zewg noti partikolari li jispjegaw li ghalkemm mhux mehtieg li arkitett joqghod il-hin kollu fuq il-lant tax-xoghol, biex jara li x-

xoghol isir sew, huwa parti mid-dmir tal-perit li jaghmel dik is-sorveljanza li tkun mehtiega biex jara li x-xoghlijiet ikunu qeghdin isiru skond il-kuntratt u li ma jsirux tibdiliet sostanzjali mid-disinn approvat. Ghalkemm huwa pacifiku bejn il-kontendenti li l-perit Camilleri kien ghamel sorveljanza konsistentement tul it-twettiq tax-xoghlijiet, s-socjetà konvenuta tikkontendi li minkejja s-sorveljanza tal-perit Camilleri, xorta x-xoghol ma sarx sew, bil-konsegwenza tad-difetti li rrizultaw fil-binja u d-danni kollha li segwew.

L-ewwel perit tekniku kien tal-fehma illi d-difetti kollha lmentati mill-konvenuta ma hargux minhabba xi nuqqas da parti tal-atturi u ghalhekk ikkonkluda li l-konvenuta ma ppruvatx il-kontro-talba taghha. Madankollu, n-nuqqas tal-atturi, citat mis-socjetà konvenuta, effettivament kien riskontrat mill-periti perizjuri fir-rapport taghhom, kemm fir-rigward tal-hsarat konsegwenza tal-perkolazzjoni tal-ilma mill-bejt, kif ukoll fir-rigward tal-konsenturi, izda mhux fir-rigward tal-umdità. L-abbli periti addizzjonali rritenew li x-xoghlijiet difettuzi kienu principalment dovuti ghal nuqqas tal-atturi ta' *detailing* adegwat, xoghol hazin da parti tal-kuntratturi u materjal dubjuz uzat fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet.

Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Marianna Cini pro et noe v. Paolo Galea et**, Appell Civili, 27 ta’ Ottubru 1958, illi:

> *"ma jistax ikun hemm dubju li perit li jigi nkarigat mill-kostruzzjoni ta’ fond ghandu d-dmir li jassigura ruhu illi l-kostruzzjoni tal-bini lilu fdata, specjalment ghal dak li hi solidità issir sewwa u skond is-sengha; anzi principalment, skond il-ligi, dan id-dover jaqa’ fuqu aktar milli fuq il-bennej; u huwa l-perit dak li jassumi quddiem l-awtorità kompetenti r-responsabilità tax-xoghol li tieghu jkun ser jiehu d-direzzjoni. Dover ghalhekk, formalment assunt u mpost mill-ligi, tal-perit, hu dak illi juza l-abilità u d-diligenza mehtiega biex fl-ezekuzzjoni ta’ dak il-bini xejn ma jsir li jista’ jikkaguna perikolu jew hsara; huwa dmiru li jara li l-bennejja li jkunu ser jahdmu tahtu jkunu licenzjati, u anke jekk licenzjati, ghandu jidderiegi huwa nnifsu u jissorvelja x-xoghol, b’mod li ma jhallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengha u li*

*jikkrejaw perikolu. Mhux bizzejjed ghall-perit li jistaqsi lill-bennej x'inhu jaghmel, imma ghandu jaccerta ruhu personalment u direttament x'ikun qed isir, u huwa responsabbli ghad-danni jekk l-ghemil tieghu juri negligenza ..."*

Ghalkemm il-periti addizzjonali teknici rriskontraw tali nuqqasijiet, li ghalihom l-atturi kienu ritenuti, in parti responsabbli tad-difetti li zviluppaw fil-villa tal-konvenuta, madankollu rritenew li l-fehma taghhom ghandha tigi nkwadrata fil-perspettiva tal-eccezzjoni legali rigwardanti l-preskrizzjoni. Kif sewwa rrileva l-abbli perit legali addizzjonali fir-rapport tieghu, l-ewwel m'ghandha tigi trattata f'dan il-kaz, hija proprju l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghat-talba rikonvenzjonali li ghandha tigi deciza b'kap ghal rasha, altrimenti tali nuqqas jista' jwassal ghal eventwali nullità tas-sentenza. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti diverasament preseduta tas-27 ta' Jannar, 2003, fl-ismijiet **Malcolm Harwood v. Joseph Aquilina et**).

L-atturi rikonvenzjonati qeghdin jistriehu fuq l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16, li jipprovdi:

*"l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku, huma preskritti wara hames snin."*

Ir-relazzjoni bejn l-atturi u s-socjetà konvenuta, hija wahda bejn perit arkitett u l-klijent tieghu, hija wahda kuntrattwali u n-nuqqasijiet tal-atturi riskontrati mill-periti addizzjonali, li jaqdu sew id-dmirijiet professjonali taghhom, joholqu obligazzjoni ghal danni *ex contractu,* mhux *ex delicto vel quasi* (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-20 t'April, 2004, fl-ismijiet **Tarcisio Sultana v. Perit Carm Lino Spiteri**).

Minghajr dubju, l-azzjoni odjerna hija wahda *ex contractu* peress li kif jispjega Ricci fid-Diritto Civile, Vol. VIII para. 242:

*" ... l'obbligazione dell'architetto e dell'imprenditore verso il proprietario committente dell'opera ha radice nel contratto. Ora le obbligazioni derivanti dal contratto sono rette da norme diverse da quelle che regolano le obbligazioni nascenti da delitto o quasi-delitto; dunque una specie di obbligazione non può confondersi coll' altra."*

Inoltre' kif ritenut fis-sentenza qabel imsemmija fl-ismijiet **Malcolm Harwood v. Joseph Aquilina et:**

*"Issa in tema ghas-suggett tal-preskrizzjoni jigi rilevat qabel xejn illi "l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' l-azzjoni kriminali), dawk derivanti minn htija akwiljana (fejn il-preskrizzjoni hi dik ta' sentejn) u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin)" – "**Joseph Micallef nomine –vs- Carmelo Cassar**", Appell Civili, 27 ta' April 1953;*

*Jinsab precizat, imbaghad, fid-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Busuttil -vs- Emmanuele Schembri**", Appell Kummercjali, 19 ta' Frar 1954, illi "f'kaz ta' appalt, l-addebitu li l-appaltant jaghmel lill-appaltatur li huwa responsabbli ghad-danni minhabba ezekuzzjoni hazina ta' l-appalt jikkostitwixxi addebitu ta' kolpa kontrattwali, u ma fihx karattru delittwuz jew kolpuz, u ghalhekk l-preskrizzjoni applikabbli kontra l-azzjoni ghal dawk id-danni hija dik ta' hames snin." Fl-istess sens is-sentenza fl-ismijiet "**Carmela armla Manicolo -vs- Philip Hili**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u "**Sabrina Borda -vs- Arrigo Group of Hotels Limited et**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef Frank Camilleri, 15 ta' Jannar 1999;*

*Gjaladarba r-rapport bejn il-proprjetarju u l-Arkitett huwa wkoll wiehed kontrattwali, ugwalment f'dan il-kaz il-preskrizzjoni applikabbli hi dik kwinkwennali (Ara "**Camilleri -vs- Dr. Frendo**", Vol. XII p 144)."*

Kif gustament irrileva l-perit legali addizzjonali fir-rapport tieghu, f'dan il-kaz ebda rapport tekniku esebit mill-partijiet ma

jallega jew jissugerixxi li l-estent tal-hsarat kienu tali li l-bini jew parti minnu ggarraf jew kien f'periklu car li jiggarraf. Ghalhekk isegwi li ma jezistux l-estremi kontemplati fl-artikolu 1638 (1) tal-Kodici Civili fejn f'tali cirkostanzi, l-arkitett ghandu responsabbilita' sa hmistax-il sena. Izda dan il-provvediment tal-ligi huwa ristrett ghat-tigrif jew perikolu car ta' tigrif, u ma jestendix ghal ebda forma ta' dannu iehor, gravi kemm hu gravi, f'liema kazijiet japplikaw disposizzjonijiet ohra tal-ligi, kif esposti qabel.(Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kummercjali deciza fl-14 ta' Mejju, 1993, fl-ismijiet **Emanuele Refalo v. Joseph Mercieca**).

Trattat il-perjodu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami, tibqa' l-kwistjoni dwar jekk is-socjetà konvenuta ssalvagwardjatx d-drittijiet taghha fi zmien hames snin kif dettat mil-ligi, sabiex tiehu l-azzjoni gudizzjarja mehtiega fil-konfront tal-atturi, kif ukoll minn meta jibda jiddekorri l-perjodu preskrittiv.

Fuq dan l-ahhar kwezit, din il-Qorti tabbracja fis-shih il-konkluzjonijiet tal-perit legali, li fir-rigward ta' meta beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv fil-kaz in ezami, rritjena li dan kellu jittiehed mis-sena 1994, peress li c-certifikat tax-xoghlijiet tal-kuntrattur tal-bini mahrug mill-periti atturi kien datat 13 ta' Ottubru, 1993, (kif jirrizulta mill-atti tas-sentenza esebita bhala Dok. PCX 4 bejn il-kuntrattur tal-bini u l-istess socjeta' konvenuta f'din il-kawza). Tenut kont, li kif intqal qabel, li r-rapprezentanti tal-konvenuta stess xehdu li l-problemi bdew hergin mal-ewwel, hekk kif marru joqghodu fil-villa fl-1994, kwindi huwa realistiku li x-xoghlijiet tlestew fl-1994.

Dan inghad ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata mill-istess perit legali, in kwantu fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 t'Ottubru, 2000, fl-ismijiet: **Raphael Micallef v. Anthony Agius,** kien ritenut li l-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri minn meta tlesta x-xoghol u mhux mindu d-dannegjat ikun konsapevoli tal-vjolazzjoni tad-dritt u fil-fatt intqal hekk:

*"ma tistax taqbel mas-sottomissjoni illi kienet tipprevali t-tezi li biex wiehed ikollu d-dritt ta' azzjoni jrid bilfors ikun hemm vjolazzjoni ta' dritt, u biex ikun hemm vjolazzjoni ta' dritt, wiehed irid ikun konsapevoli ta' dik il-vjolazzjoni biex ikollu interess guridiku mehtieg biex jezercita dik l-azzjoni. Din is-sottomissjoni hi guridikament insostenibbli, ghaliex ghandu jkun manifest illi l-vjolazzjoni ta' dritt kien fatt storiku oggettiv li jezisti indipendentement minn jekk id-danneggjat ikunx jew le konsapevoli tad-dannu li tali fatt illecitu kien qed jarrekalu."*

Il-principju "*contra non volentem agere non currit prescriptio*" jirreferixxi biss ghall-impedimenti legali, "*e non gia ancora all' ignoranzia dei proprii diritti*" (**Vol. XXIV P I p 388**). Injoranza li trid tinftiehem fis-sens ta' non-konsapevolezza. Ara wkoll f'dan l-istess kuntest sentenza tat-28 t'April, 2000, fl-ismijiet **Joseph Chircop et v. Salvatore Muscat noe.** Kif ukoll fil-kawza **Malcolm Harwood v. Joseph Aquilina et**, citata qabel fejn intqal:

*"It-test allura li trid il-ligi bl-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili "kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom jorigina d-dritt ta' l-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna ta' l-attur, u cioè jekk din kienetx jew le f'kondizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni".*

Huwa ghalhekk meqjus li l-perjodu preskrittiv fil-kaz odjern, beda ghaddej mis-sena 1994. Ghalkemm il-kontro-talba issemmi li saret ittra ufficjali fis-16 ta' Jannar, 2001, din ma gietx prezentata fl-atti u ghalhekk l-ewwel att gudizzjarju rizultanti mill-atti, hija l-istess kontro-talba li saret fid-29 ta' Mejju, 2002. Fi kwalunkwe kaz, huwa ritenut li dawn il-proceduri saru tardivament, peress li kien lahaq iddekkorra l-perjodu preskrittiv ta' hames snin, liema perjodu ma jirrizultax interrot b'ebda att gudizzjarju. Lanqas ma jirrizulta mill-atti li l-atturi b'xi mod ammettew responsabbilta' ghad-difetti li rrizultaw li jista' jinftiehem li rrinunzjaw ghall-preskrizzjoni, u dan qieghed jinghad mill-korrispondenza kopjuza li ghaddiet bejn il-partijiet f'dan ir-rigward, li tinsab esesbita.

Ghalhekk kif sewwa kkonkluda l-perit legali addizzjonali, il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda peress li saret oltre z-zmien preskritt mil-ligi. Kwindi din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati f'dan ir-rigward. Isegwi li din il-Qorti hija prekluza milli tidhol fil-mertu tal-kontro-talba dwar ix-xoghlijiet difettuzi lamentati mis-socjetà konvenuta, kawza tan-nuqqas ta' supervizjoni xierqa, li kellha tinghata mill-atturi.

Tibqa' pendenti t-talba attrici ghall-hlas ta' servizzi professjonali.

L-atturi qeghdin jikkontendu li hija dovuta lilhom is-somma ta' Lm8,170 (ekwivalenti ghal €19,030.98) ghas-servizzi taghhom. Is-socjetà konvenuta, da parti taghha, ssostni li m'ghandhiex thallas dan l-ammont. L-ewwel perit tekniku rritjena li salv element partikolari ghall-kont, (preparazzjoni ta' *bills of quantities, tender documents and issuing interim and final certificates,*) u li dan tal-ahhar kien diga inkluz fir-rata ta' 9% dritt, li ghalih kellu jsir tnaqqis ta' Lm264.04, ekwivalenti ghal €615.05, fil-bqija l-kont kien skond it-Tariffa K tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara rapport fol. 63 u 64 tal-process).

Il-periti addizzjonali qablu ma' dan it-tnaqqis, izda rritenew li ghandu jsir tnaqqis ulterjuri fis-sens li l-periti m'ghandhomx jithallsu bir-rata ta' 9% fuq xoghlijiet ta' kuntratturi li pprezentaw kontijiet li jinkludu *design and build*, u li l-atturi ma kellhom ebda sehem fihom, anqas ta' supervizjoni, peress li dan ma kienx kompitu taghhom. Ghalhekk il-periti addizzjonali esprimew il-fehma li d-dritt ta' 9% fuq xoghlijiet ta' *Mechanical and Planting works* ammontanti ghal Lm1,986.57 (ekwivalenti ghal €4,627.46) kellu wkoll jitnaqqas mill-kont tal-periti atturi. (Ara f'dan is-sens paragrafu 2 tar-rapport tal-periti teknici addizzjonali a fol. 154 tal-process).

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa, il-provi kollha prodotti mill-partijiet u n-noti ta' sottomissjonijiet u semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u hija tal-fehma li ma ssib ebda gustifikazzjoni biex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet milhuqa mill-periti addizzjonali mahtura minnha. Ghalhekk hija ser

tnaqqas l-ammont shih hekk kif ritenut mill-periti addizzjonali sabiex l-ammont dovut lill-atturi huwa ta' €13,788.47.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta, tilqa' it-talba tal-atturi u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' tlettax-il elf seba' mija u tmienja u tmenin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€13,788.47), flimkien ma' l-imghax dekorribbli mill-11 ta' April, 2002, data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni.

Tichad il-kontro-talba tas-socjetà konvenuta stante li hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ghandhom jinqasmu kif gej: dawk relatati mal-azzjoni principali ghandhom jithallsu in kwantu ghal terz mill-atturi u zewg terzi mis-socjetà konvenuta; dawk relatati mal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati kollha mis-socjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG